**Tqażżiżt**

Tpaqpiq bla rażan
Iweġġa' ir-ras,
Juri traġedja
Bla sabar fin-ngħas.

T'aljenazzjoni
U rabja bla tmiem,
Ta' min li ħinu
Ħlieh kollu fil-kliem.

Jew min tant maqbud
Marsus f'ħabs il-jien,
Hekk issa ntefa
Jitmasħan f'nirien.

Le ħija, oħti
Mhux hekk il-bnedmin,
Kulħadd jaffaċja
Salibu miskin.

Ħniena, mogħdrija
Ħallik mit-tpaqpiq,
Ftakar biss ħaġa
Li qiegħed fit-triq.

Għad tħalli warajk
Dak kollu li ħżint,
Għad tibki bosta
Avolja tħanżirt.

Fil-flus qarrieqa
Għamxulek għajnejk,
Websulek qalbek
Tarrxulek widnejk.

Ieqaf nitolbok
Tkomplix titħanżer,
Ħejji għal mewtek
Għad trid tinħafer.

Ħobb issa 'l Kristu
Għadek hawn fil-ħin,
Qabel tinqaleb
'l folja x'waħdadin!

Wara ġudizzju
Tħallas li għamilt,

Wessa’ il-komma
Inkella xitan sirt.

Tinduna malajr
Li l-linja tkun qbiżt,
Lilek innifsek
Twarrab għax tqażżiżt.

Ċedi u għader
Ħa tmut b’dinjità,
Tħabbatlek qegħdha
Hi, l-eternità!

Patri Mario Attard OFM Cap
29 ta’ Marzu 2023

Ibierkek Alla li jista’ kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.